**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Michael Frendo f'Seduta numru 220 tal-Erbgħa, 12 ta' Mejju, 2010.**

*Mozzjoni ta' Proċedura Nru. 78 – Votazzjoni – Ftehim tal-Kamra*

Qabel il-ħin tal-interruzzjoni tax-Xogħol tal-Kamra, l-Onor Joe Mizzi, fuq point of order talab ruling mill-iSpeaker jekk il-votazzjonijiet li ntalbu fis-Seduta 215 ta' l-Erbgħa 5 ta' Mejju 2010 dwar l-Emendi mmarkati 'C' u 'D' mressqa mill-Onor Leo Brincat għall-Klawsola 6 ta' l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Abbozz Nru 43) għandhomx jittieħdu f'għeluq din is-Seduta skond il-Mozzjoni ta' Proċedura Numru 78.

L-Onor David Agius irrileva li dak inhar li tressqu dawn l-emendi kien sar ftehim li tali votazzjonijiet kellhom jittieħdu f'seduta li kienet ghad trid tiġi miftiehma bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

Wara li s-Sedja staqsiet fejn kien intlaħaq dan il-ftehim, l-Onor David Agius qal li l-ftehim kien intlaħaq personalment bejnu u bejn il-whip tal-Oppożizzjoni.

Is-Sedja tinnota li l-unika ftehim li jirriżulta mill-minuti tas-Seduta 215 huwa li l-votazzjoni kellha tittieħed f'seduta oħra.

Ladarba fil-minuti tas-Seduta 215 ma jirriżultax b'liema mod kellu jiġi deċiż f'liema seduta oħra kellu jittieħed il-vot u inoltre peress li s-Sedja qiegħda tiġi nformata li dan il-ftehim m'għadux fis-seħħ, is-Sedja m'għandha l-ebda għażla ħlief li tapplika l-Mozzjoni ta' Proċedura Numru 78, in partikolari l-parti tassattiva tagħha dwar li fi kwalunkwe każ votazzjoni ma tkunx f'data iżjed tard minn ġimgħa minn mindu saret it-talba oriġinali għall-votazzjoni taħt l-Ordni Permanenti Numru 83.

Konsegwentement is-Sedja tiddeċiedi li l-Kamra għandha tgħaddi għall-vot skond il-Mozzjoni ta' Proċedura 78.